MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 88/2005

Martin Xerri

vs

Jason Mizzi u Doreen Mizzi

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ elf erba’ mija u sitta u hamsin Liri Maltin (Lm1,456) bhala prezz ta’ xoghol li sar fid-dar residenza tal-konvenuti kif ukoll ta’ xoghol *extra* li sar fl-istess fond mill-attur.

Bl-imghaxijiet legali mid-data tat-tlestija ta’ dawn ix-xogholijiet sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittri interpellatorji tal-31 ta’ Mejju 2005, 6 ta’ Gunju 2005, 14 ta’ Gunju 2005, 27 ta’ Lulju

2005, u wkoll dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta’ sekwestru ta’ Awwissu u Settembru 2005, spediti kontra l-konvenuti.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li huma mharrkin ghaliha.

Ra r-risposta tal-konvenut li tghid hekk :-

1. Preliminarjament illi din il-kawza tittratta l-istess mertu ta’ kawza ohra gia appuntata quddiem dan l-Onorabbli Tribunal ghas-smiegh u cioe’ l-Avviz numru 86/2005 fl-istess ismijiet : ‘Martin Xerri vs Jason u Doreen konjugi Mizzi’, u ghalhekk ghandha tigi dikjarata nulla.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi :-

(a) il-konvenut diga’ hallsu lill-attur tax-xoghol li twettaq minnu permezz ta’ zewg pagamenti wiehed ta’ Lm500 u l-iehor ta’ Lm150 ;
(b) dawn il-pagamenti saru l-ewwel wiehed skond il-ftehim li kien sar qabel beda x-xoghol u t-tieni wiehed ghax-xoghol *extra* li sar mill-attur;

3. Illi l-ammont miftiehem ghax-xoghol li kellu jsir mill-attur kien ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500), u issa l-istess attur qed jitlob kwazi t-triplu;

4. Illi ghax-xoghol *extra* li sar mill-attur fuq l-*iskirting* u l-*fireplace*, liema xoghol ma kienx inkluz fl-istima originali, sar qbil li dan jigi kwantifikat fl-ammont ta’ Lm150 fil-prezenza tal-avukati tal-kontendenti, u dan fil-fatt thallas ukoll mill-konvenuti;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Sama’ l-provi kollha tal-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza, id-dokumenti esibiti, u r-rapport tal-perit perit tekniku pprezentat minnu fil-25 ta' April 2007, u debitament mahluf fl-4 ta' Mejju 2007;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

A rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn tqajmet in-nullita' ta' dawn il-proceduri billi fl-istess zmien kien hemm pendenti kawza ohra bejn l-istess partijiet dwar l-istess oggett, liema kawza ggib il-Avviz numru 86/2005, ma jirrizulta minn imkien mill-atti li dwar din l-eccezzjoni l-konvenuti ressqu xi prova ta' dak minnhom eccepit jew li b'xi mod baqghu jsostnuha. Dan it-Tribunal permezz tar-registratur tieghu ghamel il-verifiki jekk fil-fatt hemmx kawza ohra pendenti b'dan l-avviz numru, u jinsab infurmat li dik il-kawza kienet giet ceduta. Dan it-Tribunal qieghed ghalhekk jichad din l-eccezzjoni. F'kull kaz, dak li gie eccepit mill-konvenuti ma jistax iwassal ghan-nullita' tal-kawza, izda l-attur ghandu l-ghazla li jsewgi wahda u jirtira l-ohra, bhalma fil-fatt jidher li sar.

Illi bazikament din il-kawza tittratta talba ghall-hlas ta' prezz ta' appalt li l-attur wettaq fuq inkarigu tal-konvenuti fid-dar taghhom bl-isem ta' 'White Rose', fi Triq Xjuf Ir-Rih, Nadur, Ghawdex. L-appalt kien jikkonsisti principalment f'xoghol ta' kisi' tal-hitan bil-*gypsum*, soffitti, borduri, l-*skirting*, provvista u twahhil ta' ruzuni, provvista u bini ta' *fireplace hood*, u zebgha tal-hitan u tas-soqfa. It-talba hija ghall-hlas tal-ammont ta' elf erba' mija u sitta u hamsin Liri Maltin (Lm1,456), illum ekwivalenti ghal tliet elef tliet mija u wiehed u disghin Euro u seba' u hamsin centesimi (€3,391.57). Il-konvenuti jirribadixxu li l-ammont mitlub huwa eccessiv, billi skond huma, kien sar ftehim bejniethom li dawn ix-xogholijiet kellhom isiru bl-imqieghta ghall-prezz ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) inkluz bil-materjal, salv ghal xi xogholijiet *extra* li taghhom il-konvenuti kienu offrew is-somma ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150). Minn naha tieghu l-attur jichad dan, u skond hu l-ftehim mal-konvenuti kien li x-xoghol jahdmu bir-rata ta' tliet Liri Maltin (Lm3) is-siegha, u l-materjal

kellu jithallas separatament. Iz-zewg partijiet jaqblu li ftehim bejniethom bil-miktub ma sarx, u fin-nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet dwar x’kienu ezattament il-modalitajiet ta’ dan il-ftehim, kif ukoll fin-nuqqas ta’ ftehim car li bih dan it-Tribunal jista’ jasal biex jistabilixxi il-prezz realment maqbul bejn il-partijiet, ma kienx hemm triq ohra ghal dan it-Tribunal li b’sens ta’ gustizzja u ekwista’ japplika l-artikolu 1624 tal-Kapitolu 16 li huwa fis-sens li ‘*jekk il-hlas mhux stabbilit fil-ftehim, jew b’ligi jew b’uzu, jigi meqjus mill-Qorti bi stima ta’ periti, jew ukoll minghajr din l-istima, skond ic-cirkostanzi*’. Kien proprju minhabba li ma rrizultax li kien hemm ftehim car bejn il-partijiet, li dan it-Tribunal kellu jirrikorri ghall-hatra ta’ perit tekniku biex jillikwida dan il-perit il-prezz tax-xogholijiet kollha li saru mill-attur.

Minn naha l-wahda dan it-Tribunal isibha kemm xejn difficli li jemmen il-verzjoni tal-konvenuti li x-xoghol kollu li gie elenkat fir-rapport tal-perit tekniku, liema elenku sar bi qbil bejn il-partijiet waqt l-access mizmum minn dan it-Tribunal fit-13 ta’ April 2007, dan seta’ jsir ghall-prezz ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500) biss bil-materjal b’kollox, kif skond il-konvenuti jikkontendu li kien il-ftehim, salv ghall-prezz tal-*fireplace hood* u l-*skirting*, filwaqt li minn naha l-ohra rrizulta wkoll li l-ammont li l-attur kien qed jitlob minghand il-konvenuti meta fetah il-kawza, huwa pjuttost oghla mill-stima li giet likwidata mill-perit tekniku.

Jirrizulta mill-provi li fil-mori tal-kawza, l-attur inkassa l-ammont ta’ sitt mija u hamsin Liri Maltin (Lm1,500), liema hlas sar u gie accettat bla pregudizzju ghal kull ammont iehor li talvolta jista’ jirrizulta li jkun ghadu dovut lill-attur mill-konvenuti. Mir-rapport tal-perit tekniku jirrizulta li l-ammont minnu likwidat ghax-xogholijiet kollha li saru mill-attur fil-fond tal-konvenuti, jammonta ghal elf tliet mija u erba’ u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u tmenin centesimi (Lm1,324.85). Fadal ghalhekk bilanc ta’ kreditu favur l-attur ghax-xoghol kollu minnu esegwit fl-ammont ta’ sitt mija erbgha u sebghin Liri Maltin u hamsa u tmenin centesimi (Lm674.85), illum ekwivalenti ghal elf hames mija u wiehed u sebghin Euro u tmienja u disghin centesimi (€1,571.98), liema bilanc dan it-Tribunal iqis bhala misthoqq fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, jiddeciedi ghaldaqstant billi filwaqt li jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' elf hames mija u wiehed u sebghin Euro u tmienja u disghin centesimi (€1,571.98), ekwivalenti ghal sitt mija erbgha u sebghin Liri Maltin u hamsa u tmenin centesimi (Lm674.85), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' appalt u xogholijiet ohra *extra*, jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-attur din is-somma hekk likwidata, bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru millum sal-hlas effettiv. Fic-cirkostanzi u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru hawn fuq, l-ispejjez tal-kawza u spejjez ohra tal-ittri u tal-mandat ta' sekwesrtu ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenuti solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------